MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 484/2011

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**Vs**
**Doreen Desira**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u wiehed u disghin ewro (€1,091) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilha; bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu, 2011, erbghin ewro (€40) tal-konsulta, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi "jien ilni li spiccajt min-negozju minn Ottubru 2008, it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b); l-ammont

m'huwiex dovut ghaliex jien kont miftehma bir-*returns* u peress li kien se jinghalaq il-hanut, jien cempilt diversi drabi ghand Alf Mizzi biex jigu u jigbru l-gelati illi kien hemm u dawn damu ma gew; illi jiena ma kelliex ghazla ohra hlief illi nohrog bil-freezer b'kollox mill-istess hanut u n-nuqqas illi hadu l-gelati lura kien tal-istess kumpanija illi ma zammitx il-ftehim illi tiehu r-returns kif konna ilna naghmlu ghall-erba' xhur ta' qabel; illum l-hanut maghluq. Il-hanut jiena ghalaqtu f'Ottubru 2008".

Sema x-xhieda ta' Doreen Desira u Marvin Sapiano ghas-socjeta' attrici;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar l-20 ta' Gunju, 2012 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet ssollevati mill-konvenuta.

**Ikkunsidra:**

It-talba odjerna hija dwar hlas ta' merkanzija moghtija lill-konvenuta. Dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuta fir-risposta taghha u cioe li t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Ligijiet ta' Malta w ukoll dwar eccezzjoni ulterjuri li tqajjmet fis-seduta tas- 17 ta' Mejju 2012 u cioe "*illi l-konvenuta hija mizewwga lil Albert li ma ffirmax l-istess ftehim u ghalhekk mhuwiex utilizzabbli bhala skrittura privata u qed jaghmel riferenza ghall-artikolu 1233 tal-Kodici Civili*

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148 (b) jiddisponi li: "*l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut*" jaqghu bi preskrizzjoni b'dekors ta' tmintax-il xahar. Il-preskrizzjoni hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ghall-kuntrarju ta' dik il-merkanzija mibjugha bl-ingrossa li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Fit –talba *de quo* l-bejgh sar lill-konvenuta li, ghalkemm ghal zmien kemmxejn qasir, kienet qieghda tiggestixxi hanut. Ghalhekk hawnhekk wiehed irid jara jekk japplikax bejgh bl-imnut jew inkella bejgh bl-ingrossa

F' ***Abdilla Gaetano Et Vs Dalli Sebastian Noe*** [1] l-Qorti ddikjarat il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ossia bid-dettal. L-istess Qorti kkwotat il-kawza fl-ismijiet ***Emanuel Micallef pro et noe v Francis Mercieca*** li ccitat dak li kien inghad fir-rigward, u generalment accettat f'pronunzjamenti sussegwenti, mill-Imhallef Paolo Debono fis-sentenza ***Attard vs Refalo***[2]*:*

"*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e`che il primo vende per lo piu` a coloro i quail commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro."*

Ghalhekk kif jinghad fil-gurisprudenza l-ligi ma tiddistingwix bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa izda l-kriterju distintiv huwa li l-grossista jbiegh l-aktar lil negozjanti ohra filwaqt li d-dettaljatur ibigh lill-konsumaturi fi kwantitajiet zghar dettati mill-bzonn li jkollhom*.*

Illi ghalhekk johrog car illi fil-kaz indezamina l-konvenuta ma kinitx qieghda tixtri ghall-konsum taghha imma ghan-negozju u cioe biex hi tbiegh lit-terzi u ghal dan ir-raguni illi l-artiklu 2148(b) sollevat mill-konvenuta ma jistax jigi applikat ghal din it-talba.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2012, it-Tribunal jaghmel riferenza ghal-artiklu **1324 li jghid is-segwenti:**

---

[1] ***Qorti Civili App Sup 4/11/2005***
[2] (Koll. Vol. XIII.294)

*“Atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f’dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma’ dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.”*

Ghalhekk huwa implicitu illi ghalkemm att jista’ jikkwalifika bhala att ta’ amministrazzjoni straodinarju taht il-provedimenti tal-kapitlu 16 tal-Kodici Civili xorta wahda persuna li qieghda tigestixxi negozju m’ghandhiex ghalfejn titlob il-kunsens jew il-firma ta’ zewgha. Fil-kawza moghtija fl-ismijiet ***Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et[3] inghad illi:***

*“l-iskop ta’ l-Artikolu 1324 huwa intiz biex fil-konfront ta’ terz il- kommunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorte wiehed biss, basta li jkun att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc. It-terz allura ma jkollux ghalfejn kull darba li jinnegozja ma’ konsorti, jitlob li dan ta’ l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu ghax jaf li bil-firma ta’ parti wahda, xorta wahda jkun kopert.”*

Fix-xhieda stess tal-konveuta (ara folio 20 tal-process) hi ddikjarat illi kienet qieghda tiggestixxi hanut u li kienet qieghda tixtri prodotti biex tbieghhom lill-klijenti taghha, allura kien att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc. In oltre hareg li kienet qieghda tezercita n-negozju waheda ghaliex qatt ma semmiet ir-ragel taghha.

Fic-cirkostanzi u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddidciedi li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuta kif ukoll l-eccezjoni ulterjuri li tqajjmet fis-seduta tas- 17 ta’ Mejju 2012.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

---

[3] Deciza mill-Qorti Civili fid-9 ta’ Ottubru 2003

It-Tribunal jordna li din it-talba tibqa' differita ghal nhar it-28 ta' Jannar, 2013 sabiex jitkompla s-smiegh tat-talba dwar il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------